MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 225/2013

**KPI Bridge Oil Limited (C 120212) socjeta' estera rapprezentata lokalment mill-mandatarju specjali taghha Dottor Larry J. Gauci (K.I. Nr. 2582(G))**

**vs**

**M/V Triantafillos M (IMO. Nru. 9428152)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti tas-6 ta'Marzu 2013, li jaqra hekk:

*1. "Illi 1-bastiment konvenut, M/V Triantafillos M, irregistrat taht il-bandiera Maltija u ghandu IMO number 9428152 u Call Sign 9HWAH , huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' mitejn u tlettax -il elf u mitejn u tmenin dollar Amerikan u wiehed u sittin centezmu (US$*

*213,280.61), ekwivalenti skond ir-rata tal-kambju ta' illum ghal Ewro mija u tlieta u sittin elf sitt mija u disgha u sittin Ewro u disgha u erbghin Ewro centezmu (€163,696.49) oltre' imghaxijet fl- ammont ta' disgha t' elef tmin mija u ghoxrin dollar Amerikan (US$ 9,820) ekwivalenti skond 1-istess rata tal-kambju ta' illum ghal Ewro sebgha t'elef hames mija hamsa u tletin Ewro u tmienja u tmenin Ewro centezmu (€7,535.0) sa' data ta' dan ir-rikors kif jirrizulta mill-istqarrija mahruga mis-socjeta'rikorrenti fit-13 ta' Frar 2013 u mill- interest note (kopji hawn annessi u mmarkati bhala Dok "A" u Dok "B" rispettivament);*

*2. Illi l-ammont ta' Ewro mija u tlieta u sittin elf u sitt mija u disgha u sittin Ewro u disgha u erbghin Ewro centezmu jkkonsisti fatturi mhux imhallsa mahruga mis-socjeta' rikorrenti, kopji hawn annessi u immarkati bhala DoK "C" sa Dok "F"rapprezentanti prezz ta' bunkers u fuel oil mitluba mill-bastiment konvenut. debitament ikkonsenjati u accettati. Il-fornituri lill-bastiment konvenut saru gewwa s-segwenti portijet fid-dati relattivi, u cioe, fil-port ta' Antwerp fis-16 ta' Awissu 2012; fil-port ta' Pireaus fis-16 ta' Settembru 2012; fil-port ta' Marghera fit-3 ta' Dicembru 2012 f' Porto Nogaro fil- 4 ta' Dicembru 2012;*

*3. Illi l-imsemmja konsenji ta' fuel oil u bunkers lill-bastiment konvenut saru mis-sub kuntratturi tas-socjeta' rikorrenti skond il-bunker delivery notes (kopji hawn annessi u immarkata bhala DoK "G' sa Dok 'J");*

*4. Illi socjeta' r-rikorrenti hallset lis-sub-kuntratturi taghha il-prezz tal-bunkers u fuel oil suppliti lill-bastiment intimat hekk kif jixhdu divesi swift transfers - kopji hawn annessi u immarkati bhala Dok "K" sa Dok "N" — liema hlasijet saru permezz ta' trasferimenti bankarji;*

*5. Illi dan il-prezz tal-forrnituri kellu jithallas fi zmien xahar mill-konsenja abbord tal-bunkers u ghalhekk dan 1-ammont illum huwa cert, likwidu u dovut mill-bastiment konvenut lis-socjeta' rikorrenti ghaliex jirraprezenta prezz ta' bunkers rikjesti mill-bastiment konvenut u suppliti mill-agenti tas-socjeta' rikorrenti ghall-beneficcju ta' 1-istess bastiment;*

*6. Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas l -ammont dovut kif spjegat hawn fuq l -bastiment konvenut baqa'inadempjenti;*
*7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ghall-hlas ta' 1-ammont dovut mill-bastiment konvenut rapprezentanti l-prezz tal- bunkers u fuel oil mibjugha mis-socjeta' rikorrenti;*

*8. Illi fil-fehmha tal-istess socjeta' rikorrerti jkkonkorru l-elementi kollha taht l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta'Organizzazjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), peress li fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti 1-bastiment intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi xi jressaq kontra t-talbiet rikorrenti;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi is-socjeta' rikorrenti umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha;*

*(i) Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12. tal-Ligijiet ta'Malta);*

*(ii) Tiddikjara li l-bastiment konvenut huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta'Ewro mija u tlieta u sittin elf u sitt mija u disgha u sittin Ewro u disgha u erbghin Ewro centezmu (€163,696.49) ammont rapprezentanti prezz ta' bejgh u fornituri ta' bunkers provduti lill-bastiment konvenut;*

*(iii) Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma fil-munita' Ewro ta' mija u tlieta u sittin elf u sitt mija u disgha u sittin Ewro u disgha u erbghin Ewro centezmu (€163,696.49), oltre l-ammont ta' Ewro sebgha t'elef hames mija hamsa u tletin Ewro u tmienja u tmenin Ewro centezmu (€7,535.88) bhala imghaxijiet sa' 18 ta' Frar 2013 bir-rata ta' 1.5% salvi imghaxijiet kummercjali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha;*

*Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluz dawk tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar 'il fuq minn ghaxar metri akkordat fis-16 ta' Frar, 2013, u bl-imghaxijiet kummercjali dekoribbli sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-bastiment konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament lill-intimat skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mill-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali;

Rat illi l-bastiment l-intimat baqa' kontumaci u meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-llum il-Gimgha 3 ta'Mejju 2013 u fl-udjenza tat-Tnejn 22 t'April 2013 , baqa' ma deherx;

Rat illi fl-udjenza tat-Tnejn 22 t' April 2013, Dr.Larry John Gauci, bil-gurament, xhed u kkonferma illi l-ammont pretiz fir-rikors guramentat baqa' ma thallasx mill-bastiment intimat;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Guramentat jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**1. Tilqa' l-ewwel talba u ghalhekk qedgha tiddeciedi din il-kawza bid-dispenza mis-smiegh;**

**2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta'Ewro mija u tlieta u sittin elf u sitt mija u disgha u sittin Ewro u disgha u erbghin Ewro centezmu (€163,696.49) ammont rapprezentanti prezz ta' bejgh u fornituri ta' *bunkers* provduti lill-bastiment intimat;**

**3. Tilqa' t-tielet talba, u tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma fil-munita' Ewro ta' mija u tlieta u sittin elf u sitt mija u disgha u sittin Ewro u disgha u erbghin Ewro centezmu (€163,696.49), oltre l-ammont ta' Ewro sebgha t'elef hames mija hamsa u tletin Ewro u tmienja u tmenin Ewro centezmu (€7,535.88) bhala imghaxijiet sa' 18 ta' Frar 2013 bir-rata ta' 1.5% salvi imghaxijiet kummercjali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.**

**Spejjez u mghax kif mitlub kontra l-bastiment intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------